**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Gunju 2020**

**Rikors Numru : 283/2018 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**GJZ**

**Vs**

**L-Avukat Dr. Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti FK.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' GJZ datat 5 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewwgu fit-30 ta' Lulju 2016, minn liema zwieg ma twildux tfal (certifikat taz-zwieg –* ***Dok A****).*

2. *Illi l-kontendenti illum huma separati de facto.*

3. *Illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-partijiet li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

4. *Illi l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom ghal dan iz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.*

5. *Illi l-kunsens tal-partijiet, jew min minnhom, kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.*

6. *Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u/jew 19 (1) (f) u/jew 19 (1) (g) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-*

*Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponent u l-intimata huwa null u bla effett.*

Rat id-digriet tas-7 ta' Novembru 2018 permezz ta' liema, gew nominati Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti FK;

Rat illi permezz tad-digriet tat-28 ta' Frar 2019, siccome ma deher hadd biex jaccetta l-kurazija, gew appuntati l-Avukat Dr. Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi, bhala Kuraturi Deputati ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati l-Avukat Dr. Benjamin Valenzia u l-Prokuratrici Legali Joeline Pace Ciscaldi nomine, datata 3 ta' Mejju 2019, a fol 23 li taqra hekk:

1. *Illi hu mhux edott mill-fatti tal-kaz.*

2. *Jitlob li jinghata l-ahhar dettalji li bihom jista' jaghmel kuntatt mal-assenti.*

3. *Salvi eccezzjonijiet ohra permissibli skont il-ligi.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbali tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2019 u tas-17 ta' Frar 2020;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat;**

**GJZ** xehed permezz ta' affidavit a fol 36 *et seqq* u viva voce a fol 27 *et seqq* illi l-partijiet kien ltaqghu f'Ottubru tas-sena 2015 meta l-intimata kienet tinsab Malta tistudja l-Ingliz u kien ghamlu gimgha flimkien qabel ma hi telqet lura lejn il-B. Xehed illi huwa kien imbaghad mar izurha fil-B ghall-perjodu ta' ftit anqas minn xahar bejn Dicembru 2015 u Jannar 2016. Spjega li s-sena 2015 – 2016 kienet wahda difficli hafna ghalih peress illi kien biddel ix-xoghol, kien qed jikkonsidra jakkwista proprjeta u meta ltaqa' mal-intimata kien ghadu kif hareg minn relazzjoni li hallietu b'nuqqas ta' fiducja fih innifsu specjalment fejn jidhlu r-relazzjonijiet amoruzi. Kompla illi l-intimata hija psikologista u kienet kapaci tisimghu u fiha kien sab serhan li kien dejjem ibghati sabiex jikseb. Qal illi l-partijiet kien jikkomunikaw permezz ta' siti socjali sakemm l-intimata kienet regghat giet Malta fit-23 t'April 2016.

Xehed illi l-ideja tal-partijiet kienet illi l-intimata issib xoghol f'Malta sabiex tkun tista' toqghod hawn b'mod permanenti u jkunu jistghu jkomplu r-relazzjoni taghhom b'pass normali. Spjega illi pero meta beda jidher illi kien ser ikun impossibli illi l-intimata ssib xoghol, hassew illi l-uniku mod kif ikunu jistghu ikomplu r-relazzjoni taghhom kien billi jizzewgu peress illi dak iz-zmien l-intimata kienet qieghda Malta fuq bazi ta' residenza temporanja ta' sitt xhur. Kompla illi huma kienu ghalhekk qablu illi ma jqisux lilhom innfushom bhala mizzewgin ghaliex kienu qed jizzewgu biss sabiex iz-zwieg joffrilhom tama li jkomplu r-relazzjoni taghhom. Qal illi huwa ma kien qal lil hadd dwar dan iz-zwieg ghajr lil ommu u habib tieghu, u dan biss ghaliex kellhom bzonn zewg xhieda ghat-tieg, li kien sar fir-registru civili. Zied illi ftit zmien qabel it-tieg kienu gew il-familjarji taghha ghall-xahar u kienu jimbuttaw hafna lill-intimata sabiex isir dan iz-zwieg, xi haga li kienu diga bdew jaghmlu meta kien mar il-B f'Dicembru 2015, filwaqt li ommu u l-habib tieghu, li kienu jafuh, kienu assolutament kontra l-ideja ta' dan iz-zwieg.

Spjega illi dak iz-zmien kien irrizulta li ma kienx ser ikun possibli ghalih li jixtri l-appartament illi kien ghamel konvejnu fuqu peress illi l-process kien twaqqaf mid-Dipartiment ta' regolarizzazzjoni tal-bini u l-vendituri kienu harbu minn Malta bid-depozitu tieghu. Spjega li l-parir legali li kien inghata kien illi kien ser jispicca jhallas aktar flus biex jipprova jiehu lura dawn

il-flus u kien hemm cans li ma kien ser jirnexxilu jirkurpra lura xejn. Ghalhekk is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu bdiet tiddeterjora specjalment ghaliex minghajr din il-proprjeta, il-partijiet kellhom jikru appartament li kien ihallas hu. Xehed illi huwa ma kienx stabilixxa r-residenza ordinarja tieghu f'dan l-appartament u kien baqa' jghix iz-Zurrieq m'ommu, l-ewwel nett ghaliex l-appartament kien f'Paceville u kien storbjuz ghalih biex jorqod hemm meta l-ghada kellu jqum ghax-xoghol, u wkoll ghaliex kienu gew zewg hbieb tal-intimata sabiex izurha ghal gimgha u kienu qaghdu f'dan l-appartament u ghalhekk ma kienx hemm spazju ghalih.

Xehed illi z-zwieg kien sar fil-31 ta' Lulju 2016 u llum il-gurnata ma fadal l-ebda tifkira tieghu peress illi lanqas ritratt ma kienu hadu. Qal li huma kienu jgibu ruhhom daqs li kieku ma gara xejn u hadd ma nduna li kienu zzewgu. Spjega illi huwa kien pprova jistabilixxi r-residenza ordinarja tieghu fl-appartament li kien kera izda l-partijiet beda jkollhom xi jghidu ta' kuljum tant illi sa gimghatejn wara li zzewgu, l-argumenti bdew isiru vjolenti. Qal illi minhabba f'hekk huwa kien mar lura ghand ommu fis-27 t'Awissu 2016 sabiex forsi jikkalmaw l-affarijiet izda, sakemm hu u ommu kienu barra, l-intimat kienet dahlet fid-dar t'ommu, fittxet fid-*data* tal-*laptop* tieghu, qattghatlu l-hwejjeg b'imqas, u haditlu xi flus mill-kartiera. Spjega illi minnufih wara dan, l-intimata kienet telqet minn Malta u kien sar jaf b'dan biss ghaliex kienet cemplitlu minn numru li kien gharaf li ma kienx Malti. Ftit wara kienet regghet giet lura Malta, taghtu lura l-flus li kienet haditlu mill-kartiera u telqet ghal kollox minn Malta. Zied illi minn dakinhar, huwa qatt ma rega kellu kuntatt mal-intimata.

**NZ** xehdet permezz t'affidavit a fol *et seqq* illi hija tigi omm ir-rikorrent u spjegat illi meta r-rikorrent kien qalilha li l-partijiet kienu ser jizzewgu, hija ma kienetx qablet li jsir dan iz-zwieg izda kienet accettat li tkun xhud biss ghaliex ma rieditx tiggieled ma' binha. Hija kienet tal-fehma li kellha tibqa' f'hajjtu sabiex tkun hemm jekk iz-zwieg imur hazin. Spjegat li r-relazzjoni tal-partijiet kienet wahda qasira u z-zwieg kien immotivat biss mix-xewqa tal-partijiet li l-intimata tibqa' Malta. Qalet illi apparti hi u habib tar-rikorrent li kien ukoll xhud tat-tieg, hadd ma kien jaf dwar dan iz-zwieg u li lanqas ritratt jew tifkira ohra tieghu ma baqa'. Spjegat illi xi tlett gimghat wara z-zwieg tal-partijiet, binha kien rega mar joqghod ghandha u li darba minnhom, meta kien hargu biex imorru l-festa, l-intimata kienet dahlet id-dar taghha (ta' NZ) peress illi kellha kopja tac-cavetta miz-zmien meta kienet giet izur lir-rikorrent Malta u kienet ghamlet zmien toqghod maghhom. Kompliet li l-intimata kienet qattghat il-hwejjeg tar-rikorrent u kienet haditlu xi flus mill-kartiera, u li wara li kienu rrisolvew din il-kwistjoni, il-partijiet ma kienx rega kellhom kuntatt bejniethom.

**Ikkonsidrat;**

Din hija kawza t'annullament taz-zwieg ikkontrattat mill-partijiet fit-30 ta' Lulju 2016. Mill-provi jirrizulta illi l-partijiet kienu ltaqu hawn Malta f'Ottubru tas-sena 2015 u kienu flimkien ghal gimgha u li imbaghad kienu qattghu kwazi xahar flimkien bejn Dicembru u Jannar 2016 meta r-rikorrent kien mar il-B sabiex izur lill-intimata, fejn skont ir-rikorrent, kienet diga bdiet issir pressjoni mill-familjarji taghha sabiex jizzewgu. Sussegwentement l-intimata kienet giet lura Malta f'April tal-2016 fuq permess ta' residenza temporanju ghal sitt xhur u l-intenzjoni tal-partijiet kienet illi l-intimata issib xoghol hawn Malta sabiex tkun tista' tibqa' hawn b'mod permanenti biex b'hekk ikunu jistghu ikomplu jizviluppaw ir-relazzjoni amoruza taghhom. Skont ix-xhieda tar-rikorrent, l-intimata, li hija psikologista, baqghat ma setghatx issib xoghol hawn Malta u ghalhekk hassew li l-uniku mod kif tista' tibqa' Malta kien illi jizzewgu. Ir-rikorrent xehed u ma giex kontradett illi l-qbil bejn il-partijiet kien illi huma ma jikkonsidrawx lilhom infushom bhala mizzewgin ghaliex din iz-zwieg kien biss mod kif l-intimata setghat tibqa' Malta biex huma jaraw jekk ir-relazzjoni taghhom tahdimx. Jirrizulta illi r-rikorrent ma qal lil hadd b'dan iz-zwieg hlief lil ommu u lil wiehed mill-hbieb tieghu u dan ghaliex il-partijiet kellhom bzonn zewg xhieda sabiex jiccelebraw iz-zwieg. Jirrizulta wkoll illi wara z-zwieg, il-konvivenza tal-partijiet damet **biss ghal tlett gimghat**, matul liema kien ikun hemm disgwidi kontinwi bejniethom li sahansitra kien saru vjolenti minn naha tal-intimata. Jirrizulta illi l-konvivenza tal-partijiet kienet intemmet fis-27 t'Awissu 2016 u illi ftit tal-jiem wara, l-intimata kienet telqet mill-pajjiz u l-partijiet ma baqghux aktar f'kuntatt ma' xulxin. Filfatt, meta l-Kuratur Deputat ghamel kuntatt mal-intimata dwar din il-kawza, it-twegiba tal-intimata kienet illi hija tippreferi tinsa illi dan iz-zwieg qatt sar.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi dan iz-zwieg huwa null a bazi tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg, li jipprovi li zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ. Il-Qorti rat illi z-zwieg tal-partijiet ma kienx immotivat mir-rieda taghhom illi verament jizzewgu sabiex jinghaqdu b'mod permanenti bhala familja, izda ghaliex hasbu li ma kien hemm l-ebda mod iehor biex l-intimata, li hija B u kienet hawn Malta fuq permess temporanju ta' sitt xhur, tkun tista' tibqa' Malta. L-ghan kien ukoll illi b'hekk ikunu jistghu jkomplu jesploraw ir-relazzjoni amoruza taghhom illi kienet ghada kif bdiet tizvolgi. Jirrizulta illi l-partijiet kienu espressament eskludew iz-zwieg tant li kienu ftehmu li ma kienux ser iqisu lilhom infushom bhala mizzewgin u filfatt hadd apparti z-zewg xhieda taz-zwieg, ma kien jaf li zzewgu u l-intimata kienet tirreferi ghar-rikorrent bhala l-

*boyfriend* taghha anke wara z-zwieg taghhom. L-iskop taz-zwieg tal-partijiet kien biss sabiex ikollhom ic-cans li jaraw jekk ir-relazzjoni amoruza taghhom kienetx vijabli. Dan minnu nnifsu juri l-eskluzjoni posittiva taz-zwieg da parti tal-partijiet galadarba jidher illi fil-mument tal-oghti tal-kunsens, il-partijiet m'eskludewx li r-relazzjoni taghhom kienet ser tkun wahda temporanja, a kuntrarju tal-ghaqda permanenti li huwa z-zwieg.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara illi z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet fit-30 ta' Lulju 2016 huwa null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg.**

**Il-Qorti tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**